MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 290/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmen Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Talli nhar it-8 ta' Frar, 2011, meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex tagħti aċċess lil Michael Hersey għal uliedhom, irrifjutat li tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Gunju, 2011 fejn wara li rat l-artikoli 338 (ll) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputata ħatja u kkundannata ġimgħa detenzjoni. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-30 ta' Gunju, 2011 fejn talbet lil din il-Qorti:

1) Tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata u tillibera lill-appellanti minn kull akkuża u piena

jew

2) Sussidjarjament, tvarja s-sentenza appellata billi tnaqqas il-piena applikata kontriha tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari ta’ dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti u cioe':-

1. Illi l-esponenti kellha raġuni xierqa biex ma tagħtix access dik inhar stante li t-tifel kien ma jiflahx. Dan ikkonfermah it-tabib Michael Asciak li xehed fil-kawza. Il-Qorti kellha dubju dwar ic-certifikat datat it-3 ta’ Frar, 2011 iżda l-istess Tabib ikkonferma li t-tifel kien ma jiflaħx sew u kellu suspett fuqu peress li ż-żewġt itfal l-oħra li jgħixu fl-istess dar kellhom is-swine flu. Aiden hu asthmatic u kien ibati ħafna fix-xhur tax-xitwa kif seta’ jikkonferma l-istess tabib. Michael Hersey kien qed jinsisti li ma jiġborx it-tifel mir-residenza tiegħu imma mill-ghassa, kif jirriżulta mill-affidavit tal-Pulizija, għalkemm id-digriet tat-18 ta’ Jannar ma kienx jistipula li t-tifel jinġabar mill-ghassa, u għalhekk multo magis it-tifel ma setax jinħareġ mid-dar.

2. Illi l-esponent tissottometti bir-rispett li jirriżulta car mill-provi dokumentarji u testimonjanza diretta ta’ Dr. Asciak li Aiden kien ma jiflaħx f’dawk il-ġimgħat u għalhekk ghandha tapplika favur tagħha il-prinċipju in dubio pro reo u tiġi skaġunata mill-akkużi.

3. Illi sussidjarjament, l-esponenti m’għandhiex teħel piena ta’ detenzjoni għal raġunijiet umanitarji u medici. Hi għaddiet minn brain surgery minħabba cyst li ħarġitilha f’rasha meta kienet tqila. Stenniet sakemm setgħet twelled it-tifel san u salv biex mill-ewwel ħaduha fis-sala

operatorja. Minn dak iż-żmien ġiet operata tliet darbiet sabiex jigi rimoss it-tumur u l-operazzjonijiet sehhew b’suċċess. Madanakollu hija ma tistax tiġi esposta għal piena ta’ detenzjoni li, fiċ-ċirkostanzi ta’ saħħitha, tkun sproporzjonalment harxa u tista` tesponiha għall-periklu f’saħħitha.

Ikkunsidrat,

Ill l-Qorti semgħet ix-xhieda mill-ġdid li xehdu kif ġej:

Michael Hersey xehed li hu u l-appellanti kienu qed jgħixu flimkien u li hija marret għand ommha. Permezz ta’ digriet datat 28 ta’ Jannar 2011, il-Qorti kienet tatu aċċess għat-tifel nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Ħamis bejn il-ħamsa u s-sebgħa u nofs ta’ filgħaxija u nhar ta’ Sibt u Ħadd. Beda jkollu diffikulta’ biex ikollu aċċess għat-tifel għax dan kien allegatament ma jiflaħx għal xahar sħiħ. Fit-8 ta’ Frar lit-tifel ma rahx għalkemm iċ-ċertifikat mediku kien juri li suppost f’dak il-jum it-tifel kellu jkun jiflaħ. Huwa kien jibgħat messaġġi lill-appellanti biex jiltaqgħu ħdejn l-għassa iżda hi qatt ma kienet tirrispondih. Il-Pulizija kienu jċemplulha u hi ma tirrispondix. Dr Axiaq kien ra lit-tifel darbtejn – fl-20 ta’ Jannar u fil-31 ta’ Jannar.

Fil-kontro-eżami x-xhud xehed li kien jaf dwar il-brain tumor tal-appellanti. Huwa kien ipprova jikkuntattja lill-appellanti b’mod ċivili iżda mbagħad kellu jaqa’ għall-proċeduri legali. Il-Pulizija kienu qalulu li kien hemm ċertifikat. Meta ma ngħata ebda informazzjoni mar l-għassa u rrapporta. Huwa qal li wkoll wara l-jum imsemmi fiċ-ċitazzjoni, xorta kien hemm problemi dwar l-aċċess. Li nbidlu l-affarijiet kien wara li ngħatat is-sentenza.

L-appellanti Carmen Spiteri xehdet li t-tifel kien qed ibati minn affann. It-tabib kien irrakkomanda li jżommu d-dar. Hija nnegat li kienet bagħbset xi ċertifikat.

Fil-kontro-eżami hija qalet li t-tabib kien joħroġ iċ-ċertifikati meta jara lit-tifel id-dar. Dan l-aħħar kienet marret flimkien mas-sur Hersey bit-tifel għand it-tabib li quddiemhom qalilhom li t-tifel aħjar jibqa’ d-dar. L-appellanti żiedet tgħid

li l-mobile ma kenitx tużah wisq għax aktarx kienet marret il-batterija. Hija ma kenitx bagħtet messaġġ lis-sur Hersey dwar għala ma kinitx niżlet l-għassa bit-tifel. Hija ntalbet tispjega kif iċ-ċertifikati kienu identiċi ħalief għad-dati u hija rrispondit li ma kentix taf x'ser taqbad tgħid. Hija kkonfermat li skont l-ewwel ċertifikat it-tifel kien jist' joħroġ fit-8 ta' Frar, il-jum li fih is-sur Hersey kellu jara lit-tifel. Hija qablt ukoll ml-Prosekuzzjoni li fiċ-ċertifiakt a fol 11, id-data ġġebdet bi tlitt ijiem.

Fir-ri-eżami hija qalet li l-missier ma kienx mar id-dar biex jarah.  Kienet ix-xita u hija mhux ser timxi fix-xita  bit-tifel ma jiflaħx.

Xehed it-tabib Dr Michael Axiaq li kkonferma li ċ-ċertifikat a fol 13 kellu l-firma tiegħu. Jekk il-pazjent jibqa' mhux tajjeb kien jerġa' jarah.  Għal dak li jirrigwarda fol 12, huwa qal li dik il-firma ma kenitx tiegħu. Jekk jinduna li l-mard jista' jkun ta' detriment għas-saħħa pubblika, allura jżomm lill-pazjent ġewwa.

Fil-kontro-eżami huwa kkonferma li kien invista lit-tifel fil-31 ta' Jannar 2011.  Sa fejn jiftakar kien reġa' invistah darb'oħra. Huwa kien mitlub li jeżamina ċ-ċertifikat tat-3 ta' Frar.  Ix-xhud wieġeb li hu  seta' biss jgħid li ħareġ aktar minn ċertifikat wieħed. Hu kien jaf li ħareġ żewġ ċeriifikati.

Fit-trattazzjoni, id-difiża ssottomettiet li t-tifel kien għadu veru ma jiflaħx fit-8 ta' Frar u li ma kienx għaqli li wieħed joħorġu fil-bard u fix-xita. Fuq kollox ġimgħa detenzjoni hija sproporzjonata.

Min-naħa l-oħra l-Prosekuzzjoni rreferiet għad-dokument a fol 12 li qatt ma kien ġie ġuramentat. Huwa ssottometta wkoll li d-digrieti tal-Qorti għandek timxi magħhom skrupolożament imqar jekk wieħed kellu jistrieħ fuq sentenzi vantaġġjużi bħal 'Il-Pulizija kontra Ebejer' tal-1996. Huwa stramb li eżatt meta l-missier għandu jkollu l-aċċess **ifaqqa' ċertifikat ieħor**.

Rat ukoll l-affidavit a fol 3 u 4 tal-proċess.

Ikkonsidrat

Li dan huwa każ ta’ aċċess għal tifel liema aċċess Michael Hersey kellu bis-saħħa ta’ digriet tal-Qorti. L-Ewwel Qorti, hija u timmotiva s-sentenza tagħha, qalet hekk:

*‘Jirriżulta b’mod l-aktar lampanti li t-tieni ċertifikat hu biss kopja tal-ewwel. Mhux biss, iżda jidher ċar ukoll li l-kopja ġiet mibdula minn xi ħadd biex turi dati differenti mill-ewwel ċertifikat. Dan jidher mad-daqqa t’għajn, u ma hemmx għalfejn wieħed ikun espert tal-foensika biex jagħraf li t-tieni ċertifikat hu kopja tal-ewwel wieħed b’xi tibdiliet żgħar iżda sinifikanti........Huwa ovvju li l-kopja tat-tieni ċertifikat hija doctored minn fuq l-oriġinali. Biżżejjed wieħed jara l-kitba tat-tabib fuq it-tnejn, li hija identika għall-aħħar. Id-dati ġew mibdula minn xi ħadd. Għal din il-Qorti, it-tieni ċertifikat huwa wieħed iffalsifikat u għaldaqstant ma jikkostitwix prova ta’ raġuni valida in difesa tal-imputata għar-reat ta’ nuqqas ta’ aċċess.’*

Il-Qorti ma ssib xejn tiċċensura f’dan ir-raġunament. Jekk it-tieni ċertifikat ma jistax jitqies bħala prova, jsegwi li biex irid ikun hemm raġuni valida għala l-appellanti naqset li tagħti aċċess tat-tifel lil Michael Hersey fil-jum imsemmi fiċ-ċitazzjoni, jrid ikun hemm xi prova oħra. M’hemm ebda dubju li Michael Hersey għandu digriet f’idejh li jagħtih aċċess għat-tifel fil-ġranet imsemmija. Il-Qorti hija wkoll konvinta li fil-jum imsemmi fiċ-ċitazzjoni dan l-aċċess ma sarx. Hija wkoll konvinta li fil-jum imsemmi t-tifel,, skont l-opinjoni medika, kien jista’ joħroġ.
Il-Qorti rat lill-appellanti tixhed u m’emmnithiex meta qalet li l-mobile ma kienx qed jaħdem. Allura dak in-nhar ma ħadimx il-mobile? Fis-16 t’April 2011 imbagħad ħadem u saret telefonata lill-istess Michael Hersey – u dan skont il-fedina penali tal-appellanti stess.
Jekk it-tifel kien għadu verament marid, setgħet almenu tinforma lil Michael Hersey li ma setgħetx tmur bit-tifel għax kien għadu marid u kienet ix-xita. Minn dan kollu ma sar xejn. L-appellanti qabdet u ma marritx bit-tifel u xejn iżjed. **U dan għamlitu meta ċ-ċertifikat kien juri li t-tifel**

**seta' joħroġ**. Il-Qorti mhix konvinta la mill-iskuża li t-tifel kien ma jiflaħx u lanqas għax l-appellanti għaddiet minn intervent kirurġiku. Dawn kienu biss skużi biex Michael Hersey ma jingħatax aċċess.
Għalhekk il-Qorfti qed tiċħad kemm l-ewwel aggravju kif ukoll it-tieni aggravju tal-appellanti.

**It-Tielet Aggravju**
Mix-xhieda ta' Michael Hersey irriżulta li wara li ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li fiha l-appellanti kienet ikkundannata ġimgħa detenzjoni l-aċċess beda miexi aħjar.
**Il-Qorti tfakkar li d-digrieti dwar manteniment u aċċess għandhom ikunu <u>segwiti skruplożament</u> għax hekk trid il-Liġi**. Ikun għalxejn li imbagħad jibdew jinġiebu ħafna skużi. La jkun hemm id-digriet tal-Qorti ma jistax wieħed jaqbad u minn rajh ma jsegwihx. L-ewwel irid ikun hemm il-bdil awtorizzat mill-Qorti u jekk ma hemmx dan il-qbil allura wieħed ikollu jiffaċċja s-sanzjoni tal-Liġi jekk hu ma josservahx.
L-unika ħaġa li tara ta' solliev f'dan l-appell huwa li **wara** s-sentenza ta' ġimgħa detenzjoni l-affarijiet imxew aħjar. Il-Qorti qed tagħmilha ċara li din is-sentenza mhix sporporzjonata kif issottomettiet id-difiża fit-tielet aggravju. In-nuqqas ta' aċċess kif ordnat mill-Qorti huwa nuqqas serju u mhux qisu ma ġara xejn. L-Istati kontraenti kollha tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għandhom l-obbligu pożittiv li jaraw li l-aċċess isir skont l-Artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni. Jekk wieħed ikompli jwebbes rasu, allura l-istati kontraenti bil-fors iridu jżommu iebes biex jaraw li l-obbligazzjonijiet jitwettqu.
Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti, wara li rat li l-aċċess beda jsir b'mod aħjar wara s-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2011, qed tiddeċiedi billi tagħti lill-appellanti **l-aħħar ċans** u għalhekk qed tirriforma s-sentenza msemmija kif ġej: tikkonfermha fejn sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontra tagħha iżda qed tirrevokha fejn ikkundannatha għall-ġimgħa detenzjoni u minflok qed tikkundanna tħallas ammenda ta' €58.23.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------